# Ġorġ Pisani – Poeta t'Art Twelidu

JOE CAMILLERI

**Introduzzjoni**

Fl-istorja tal-letteratura tagħna, Ġorġ Pisani sawwar għalih niċċa umli iżda importanti. Għandu l-mertu li flimkien ma' għadd ċkejken ta' kittieba romantiċi ħabrek biex tissawwar ir-ruħ Maltija u tintgħaġen l-identità kulturali tagħna. Bħala Għawdxi, lil Għawdex tah ukoll l-għanja tiegħu. Għal żmien twil, Pisani kien wieħed mill-ftit intellettwali Għawdxin li ħadmu fil-qasam soċjo-kulturali tal-gżira. Minn kmieni, Pisani għaraf il-missjoni tiegħu li jnissel fil-poplu valuri morali u soċjali li jduru mal-pern tal-patrijottiżmu – il-glorifikazzjoni tal-imgħoddi storiku b'kontinwazzjoni mal-preżent, ir-rabta mat-territorju bil-karatteristiċi ambjentali u folkloristiċi, l-ilsien bħala mezz ewlieni ta' komunikazzjoni u għaqda nazzjonali, u r-reliġjon bħala l-bażi ta' valuri spiritwali.



L-għan ta' Pisani, bħal dak ta' sħabu l-kittieba kontemporanji, kien wieħed – li l-poplu jqum mit-telqa u l-bruda ta' snin twal ta' kolonjaliżmu. Jagħraf għeruqu u jerfa' rasu kburi li hu Malti. Ġorġ Pisani, bniedem kult u ġentili, kellu fih spirtu dinamiku li jiċħad il-ħajja qadima u staġnata. Jirribella kontra kull għamla ta' għeluq. Il-versi tiegħu mimlija enerġija u ritmi qawwija jsiru sfidanti, jiċħdu l-qadim u jsejħu għall-bidla li trid tiġi mill-ideal taż-żgħożija.

Din il-ħeġġa tnisslet mill-influwenzi tal-Moviment Futurista. Iżda f'Pisani hemm ukoll xejra oħra. Hemm l-influwenza romantika li tiġbed l-ispirazzjoni tagħha mill-glorji tal-imgħoddi, li tidealizza u tintelaq fil-ħolm tal-melodji u l-kuluri. U minn dawn l-estremitajiet – ħeġġa għall-bidla u l-preservazzjoni tal-valuri tradizzjonali - joħroġ it-temperiment artistiku li jsawwar il-qofol tal-poeżija ta' Pisani.

**Il-Motiv tal-Istorja**

Fiċ-ċelebrazzjoni tal-imgħoddi, Pisani jwessa' l-motiv tal-istorja biex iħaddan fih il-pre-istorja. Il-fażi tal-poeżija tal-pre-istorja hi waħda impressjonanti u għandha mertu artistiku notevoli fl-istorja tal-letteratura. Ġorġ Pisani ma ppreżentax l-imqades megalitiċi tagħna bħala kurżità arkijoloġika, xhieda xjentifika jew relikwa ta' ċiviltà bikrija mejta. Permezz tal-immaġinazzjoni artistika tiegħu, tahom il-ħajja u wrihomlna fl-aqwa mumenti kritiċi ta' ħajjet missirijietna – waqt it-theddida tal-ġuħ jew tas-sigurtà nazzjonali. Fl-istess ħin dawn huma waqtiet glorjużi għax juru li fis-siegħa tal-bżonn, missirijietna għamlu sagrifiċċju u taw l-aħjar u l-isbaħ għal art twelidhom. It-tfajla allegorika li tmut għal Għawdex fil-poeżija *Il-Ġgantija t'Għawdex* trid tkun mifhuma fit-tradizzjoni klassika. Hija s-simbolu tar-ruħ Maltija li tqum min-nagħsa tal-kriżi u toffri ruħha għal art twelidha. Hija l-martri idealizzata fiżikament u spiritwalment li tittella' fuq l-altar tal-patrija. Għar Dalam ukoll għandu għanja. Hi l-għanja ta' ġens qadim, nobbli

u kburi. Għalhekk il-poeta jappella liż-żgħażagħ biex '*niġru 'l hemmhekk.*' Hemmhekk jibdew għeruqna. L-appell isir liż-żgħażagħ għax huma miftuħa biex iħaddnu l-forzi dinamiċi ta' qawmien ġdid nazzjonali. Quddiem Ħaġar Qim, Pisani jħoss li għandu jinżel għarkopptejh bil-qima għax fih jara spirtu ta' sagrifiċċju bħalma jara f'binjiet storiċi li jfakkru episodji erojċi u patrijottiċi eqreb lejna.

Il-poeżija tal-motiv tal-pre-istorja, għalkemm mhix kotrana, qanqlet ċertu interess għax tat viżjoni oriġinali ta' dan iż-żmien mistur u għalhekk hi ta' kontribut siewi fl-iżvilupp tal-istorja tal-letteratura tagħna.

Fil-motiv tal-istorja, Ġorġ Pisani jimxi fit-tradizzjoni Dun Karmjana billi jressqilna l-eroj individwali, kif ukoll dawk kollettivi bħala mudell biex infasslu ħajjitna fuqhom. Fost tal-ewwel ninkludu lil Mikiel Anton Vassalli li nebbaħ lil Pisani biex jikteb l-aħjar sunett dwar dan il-persunaġġ ta' statura nazzjonali. Vassalli hu l-personifikazzjoni tal-kawża tan-nazzjonaliżmu u tal-ħelsien, tal-fidwa tal-ilsien Malti. Is-sunett ta' Pisani jagħlaq b'terzina profetika u kliem li sar proverbjali,

*'Dalwaqt jisbaħ jum ġdid, jum kollu dija*
*U sseħħ, missier, il-ħolma tiegħek kbira,*
*Malta fl-ilsien u l-qalb, Malta Maltija.'*

L-eroj kollettivi huma missirijietna bla isem li xerrdu demmhom fuq is-swar. Ġrajjiethom ma seħħitx darba u ntemmet, iżda baqgħet marbuta f'kontinwità mal-preżent. Waqt li għadamhom hu r-relikwa ta' mħabba sublimi għax totali, l-ispirti tagħhom huma l-iħirsa li jimirħu u jgħassu fuqna. Isibu biss il-mistrieħ meta jaraw lil arthom... '*fil-lsien u l-qalb, nazzjon magħquda.*'

Il-motiv tal-istorja jinkludi x-xogħlijiet ta' riflessjoni dwar ġrajjiet storiċi importanti ta' bejn iż-żewġ gwerer dinjija. Tassew li hawnhekk Pisani ma jmissx il-qagħda soċjali tal-poplu Malti. Tassew li joħroġ mill-konfini territorjali u b'mod analitiku jinfirex fl-Ewropa ċentrali u tal-Lvant. Iżda barra minn dokument politiku u storiku, f'din il-poeżija tinħass sewwa l-preokkupazzjoni ta' Pisani għat-theddida tal-ħajja, tal-ħelsien, tad-demokrazija u l-identità nazzjonali ta' poplu.

**Ħidmietu b'risq l-Ilsien Malti**

Il-motiv tal-ilsien Malti hu marbut sħiħ mal-ġlieda għall-kisba tal-identità nazzjonali. Ġens bla lsien hu bħal ġisem bla ruħ. L-ilsien nativ mhux biss rigal naturali u għodda valida ta' espressjoni artistika. L-ilsien nativ hu wirt missirijietna. Jagħtina sens ta' kburija għax jagħżilna minn ġnus oħra. Fuq kollox hu għodda politika għax bħala karatteristika komuni, jgħaqqadna f'poplu wieħed. Għalhekk flimkien ma' sħabu, Ġorġ Pisani daħal b'ruħu u ġismu fil-ġlieda għall-għarfien tal-Malti bħala lsien nazzjonali. Kienet ġlieda qaddisa li daqskemm għamlet ġieħ lil min iddefenda lsienu, waqqgħet f'dell ikrah lil min iġġieled il-ġlieda tal-barrani. Jidher li Ġorġ Pisani bata minn oppożizzjoni u diskriminazzjoni. Iżda kien kburi u konvint mill-ideal tiegħu.

*'Jinxef ilsiena u jitħaddel driegħi*
*Jekk qatt għad inħallik u mhux sa l-aħħar*
*Inqajjem nibqa' bik ruħ Malta tiegħi.'*

**Kwadretti Idealizzati**

Bħala għannej ta' art twelidu, Pisani jgħanni wkoll il-ġmiel territorjali. L-ambjent pajsaġġestiku, bix-xejriet u d-drawwiet tal-poplu, huwa wkoll parti integrali mill-wirt u l-identità nazzjonali tagħna.

Bħar-Romantiċi, Pisani janima lin-natura, jidħol f'ruħha u jiddjaloga magħha. In-natura hija ħajja bħall-ispirtu enerġetiku tal-poeta żagħżugħ. In-natura ġġib is-serħan fiżiku, mentali u spiritwali. Fil-kriżijiet tiegħu, l-iktar dawk spiritwali, Pisani jħoss il-faraġ tan-natura li tqarrbu lejn il-Ħallieq u tliehmu jikteb il-poeżija, għax bħalu, in-natura hi xandara tal-kobor t'Alla.

Iżda n-natura sempliċi, ekwilibrata u perfetta ssawwar l-ambjent Għawdxi li Pisani tant ħabb. F'Ġorġ Pisani Għawdex sab il-pittur tal-kelma li bidel fetħat, wilġiet u rkejjen umli f'opri artistiċi. Il-kwadri li jagħtina ta' Għawdex huma kwadri idealizzati li jarahom minn wara lenti Romantika. Huma xeni sielma, idilliċi fejn riġel il-progress għadu ma rifisx. Huma kwadretti ta' Għawdex rustiku u folkloristiku, kartolini mlewna mill-fantasija u mħaqqa bl-iperbola. Fihom hemm l-għoġba u l-għaxqa għall-valuri tal-imgħoddi




Monument ta’ Ġorġ Pisani fir-Rabat, Għawdex.

li jagħmluna poplu bieżel, ħawtiel, ħabriek u dinjituż fis-sempliċità tiegħu. Iżda m’hemmx l-għajta soċjali. Il-poeti tal-karikatura, tal-kritika soċjali kienu għadhom iridu jitfaċċaw iktar ’il quddiem. Interessanti li wieħed jifli dan is-sens ta’ preservazzjoni li jinħass fil-poeżija pajsaġġestika u jqabbel mal-ħeġġa sfidanti u l-entużjażmu għall-bidla li jinħassu fil-poeżija mnebbħa mill-motiv taż-żgħożija.

Kollox ma’ kollox, lil Għawdex, Ġorġ Pisani tah l-għanja tiegħu. Ħallielna kwadretti Romantiċi ta’ Għawdex ieħor, Għawdex kif konna nafuh fi tfulitna meta l-ħajja kienet timxi bil-lajma. Dan l-ambjent naturali ġie li serva wkoll bħala sfond għall-poeżija tal-imħabba għax f’Pisani hemm motivi oħra. Minħabba nuqqas ta’ spazju, messejt biss dawk il-motivi li jorbtuh ma’ impenji usa’, ma’ artu u ma’ niesu.

Ġorġ Pisani kien konxju mis-sehem kreattiv tiegħu bħala poeta. Bħala bniedem tad-demm u l-laħam kien jaf li għad jasal iż-żmien li jrid jifrex il-qlugħ u jbaħħar lejn art l-eternità. Iżda bħala artist kien konxju wkoll mill-immortalità artistika tiegħu. Il-poeta mar u għadu magħna għax fit-testment tiegħu lil art twelidu ħalla moħħu u qalbu fl-għanjiet tiegħu. Il-motiv Orazzjan jidher sew fl-indirizz poetiku li jagħmel ‘Lil Palma Xiħa’

*‘Iżda l-għanja ta’ żgħożiti*
*Tibqa’ ħierġa mill-imwiet,*
*l-għanja tiegħi ma tmutx miegħi*
*għaliex ġejja mis-smewwiet.*
*...*
*Le ma ngħirx għal għomrok diemi*
*Le ma rridx dat-tul ta’ jiem,*
*Jien fil-għana nħalli qalbi*
*Għax fil-għana ngħix bla tmiem.’*

Il-poeżija ‘Pars Mea’ tagħlaq b’talba-appell li b’sinċerità qawwija turi sewwa r-rabta li kellu Ġorġ Pisani mal-poeżija u ma’ art twelidu:

*‘Ħudli jekk trid, Mulej, kull m’għandi fija,*
*Oftomni minn kull dewqa ta’ tgawdija,*
*basta tħallili f’qalbi*
*is-sliem tal-poeżija,*
*għaliex dan sehmi u dan biss hu ġidi,*
*ngħaddi fil-għana ħajti*
*Poeta t’Art Twelidi.’*

Joe Camilleri Dip. Educ. (Admin. & Mgt.) kien għalliem u Koordinatur tal-Malti. Għamel żmien ukoll bħala Kap tal-Iskola tad-Drama fin-Nadur. Huwa kittieb ta’ proża. L-aħħar pubblikazzjonijiet tiegħu kienu żewġ ġabriet ta’ novelli – Solitudni fil-Folla u Fir-Rokna tas-Silenzju li ġew mitbugħa fl-2007 u fl-2008 rispettivament. Huwa wkoll il-kontributur regolari għall-Arti Viżiva u għal-Letteratura tal-programm ta’ TVM Għawdex Illum.